MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 118/2004

**Middle Sea Insurance Plc., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emmanuel Zarb Cousin**

**Vs**

**Jeffrey Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta’ attrici talbet il-hlas ta’ tmien mija u tlieta w erbghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm843.61c) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta’ dan l-incident.
Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut bil-vettura IAB 823 qal:

"Kont ghaddej minn Triq il-Wied ta' Msida, B'Kara mid-direzzjoni ta' Msida lejn Triq Mannarino, B'Kara. Kif qbizt il-pompa tal-petrol u dort il-kurvatura u qbadt it-triq id-dritta 'l fuq, tlift il-kontroll u spiccajt dhalt go karozza AAC 751 li kienet ipparkjata u bid-daqqa din spiccat dahlet go karozza ohra pparkjata DBJ 172 proprjeta' ta' Emmanuel Zarb Cousin."

Il-proprjetarju tal-vettura AAC 751 qalet:

"My car was parked in Triq il-Wied ta' l-Imsida, B'Kara facing uphill towards Triq Mannarino, B'Kara when car IAB 823 crashed into my car AAC 751 and consequently car AAC 751 finished colliding in car DBJ 172 which was also parked in front of car AAC 751."

Emmanuel Zarb Cousin jaqbel mal-verzjonijiet ta' fuq.

Ra li fl-istess *Road Accident Report* Mariella Barbara bhala xhud tat l-istess verzjoni ta' kif grat il-habta.

Ra r-rapport tal-pulizija fejn qal:

"No serious breaches of the MVR were observed. Driver Farrugia and other passenger Zammit both refused medical attention."

Ra x-xhieda ta' PS 508 Francis Bezzina fejn jikkonferma l-iskizz u r-*Road Accident Report*.

Ra x-xhieda ta' Joseph Zammit li kien passiggier mal-konvenut fejn qal illi dakinhar ta' l-incident kien hemm vettura ohra li bdiet tpetpet id-dawl. Jghid illi meta gew fid-dawra, l-vettura l-ohra qabzithom u rassithom u ghalhekk baqghu diehlin gol-karozzi pparkjati.

Zammit ma jiftakarx id-dettalji ta' dina l-vettura.

Ra x-xhieda ta' Gloria Galea Pace fejn tghid li dakinhar ta' l-incident hi kienet id-dar u semghet hoss kbir. Meta harget rat lil Jeffrey Farrugia bil-vettura tieghu mahbuta gol-vettura taghha AAC 751.

Ra x-xhieda ta' Emmanuel Zarb Cousin fejn jikkonferma li l-vettura DBJ 172 hija l-vettura tieghu.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid li dakinhar ta' l-incident kien rassu vann u ghalhekk tilef il-kontroll u baqa' diehel fil-karozzi pparkjati.

Ra illi l-konvenut fir-*Road Accident Report* ma semma' xejn dwar dan il-vann li rassu.

Ra illi l-konvenut ammetta li tilef il-kontroll. Fix-xhieda quddiem it-Tribunal il-konvenut semma' vann. Illi hemm diversi sentenzi li jsemmu l-importanza tal-verzjoni li jaghti parti ezatt wara l-incident u li jiskartaw xhieda dwar vettura ohra allegatament involuta meta l-parti li jsemmi dik il-vettura ma jgibx xhieda konvincenti.

Ra li x-xhieda ta' Gloria Galea Pace u ta' Emmanuel Zarb Cousin huma konvincenti.

Ghaldaqstant jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Id-danni ma gewx ikkontestati.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tmien mija u tlieta w erbghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm843.61c) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (28 ta' Jannar, 2004).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------